

32001R0005

5.1.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 2/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 5/2001

tad-19 ta' Diċembru 2000

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1907/90 dwar ċerti standards ta' *marketing* għall-bajd.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 1907/90 ⁽²⁾ jstabbilixxi ċerti standards ta' *marketing* għall-bajd.
- (2) Il-metodu ta' kif jitrabbew it-tiġieġ sar wieħed mill-fatturi ewlenin li jaffettwaw lill-konsumaturi meta dawn jiġu biex jixtru l-bajd. Il-Kummissjoni ħadet ir-responsabbiltà li tipproponi emenda għall-istandards ta' *marketing* u li tagħmilha obligatorja li l-metodi tat-trobbija jkunu jidhru fuq il-bajd u l-pakketti sabiex il-konsumaturi ma jkunux jistgħu jiġu informati b'mod qarrieqi. Għal dan il-għan, l-uniku metodu li permezz tiegħu jiġi żgurat illi l-konsumatur ikun jista' jagħmel għażla informata bejn id-diversi klassijiet ta' bajd skond il-metodi tat-trobbija, huwa li jkun obligatorju li dawn jiġu mmarkati b'mod ċar u mingħajr ambigwiżità. Ittikettjar xieraq u obligatorju huwa konformi max-xewqat imfissra mill-konsumaturi u mill-organizzazzjoniet tal-konsumaturi.
- (3) Bl-iskop li l-informazzjoni għall-konsumatur tiġi supplimentata, l-ittikkettjar jista' jindika wkoll l-metodu ta' tmieġh tat-tiġieġ.
- (4) Huwa neċessarju li l-ittikkettjar obligatorju jiġi applikat għall-bajd kollu mibjugħ fl-Unjoni Ewropea u mixtri minn konsumaturi barra mill-pajjiż tal-produzzjoni, kemm jekk ikunu ġew prodotti fl-Unjoni Ewropea kif ukoll f'pajjiżi terzi. Madankollu, fil-każ ta' bajd li jkun ġie prodott ġewwa pajjiżi terzi, l-indikazzjoni tal-metodu tat-trobbija tista' tiġi mibdula bl-indikazzjoni "il-metodu tat-trobbija mhux speċifikat" u b'indikazzjoni ta' l-orijini jekk il-proċeduri fil-pajjiżi terzi ma jagħtux

garanziji suffiċjenti fir-rigward ta' l-ekwivalenza mar-regoli tekniċi u livelli applikati fil-proċeduri Komunitarji; dan jagħti garanzija li bajd bħal dan ikun jista' jintgħaraf minn dak ittikettjat billi jiġi indikat il-metodu ta' produzzjoni u dan jagħmel ittikettjar sussegwenti b'indikazzjonijiet qarrieqa mhux Prattiku.

- (5) Bajd tat-tieni kwalità jew bajd ippreservat, ta' Klassi B, jammontaw għal parti minima tas-suq tal-Komunità Ewropea. Il-parti l-kbira tal-kummerċ huwa ingranat biex jipprovdni lill-konsumaturi b'bajd ta' l-ogħla kwalità, ta' Klassi A. Għalhekk l-ikklassifikar tal-bajd għandu jiġi issimplifikat u l-Klassijiet preżenti B u C (bajd maħsub għall-industrija) għandhom jiġu amalgamati fi Klassi ġdida, Klassi B u l-bejgħ ta' dan il-bajd għandu jkun esklussivament għal skopijiet ta' ipproċessar.
- (6) Mhux aktar tard minn sitt xhur qabel l-introduzzjoni ta' l-indikazzjoni obligatorja tal-metodu tat-trobbija fuq il-bajd u l-pakketti, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport, li jkun akkompanjat bi proposti addattati li jagħtu kas tal-konklużjonijiet mill-huqa fir-rapport, dwar żviluppi fir-rigward tal-qasam tar-regoli ta' l-iġjene ta' l-ikel, b'mod partikolari dwar bajd maħsul, u dwar l-effett tan-negożjati ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1907/90 huwa b'dan il-mezz emendat kif ġej:

1) F' Artikolu 6(1):

- (a) it-tielet inċiż għandu jithassar;
- (b) it-tieni inċiż għandu jinbidel b'dan li ġej:

— "Bajd ta' klassi B jew 'bajd tat-tieni kwalità jew bajd żgħradat maħsub għal intrapriżi kummerċjali fl-industrija tal-bajd skond id-Direttiva u l-industrija mhux ta' l-ikel";

⁽¹⁾ ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1516/96 (ĠU L 189, tat-30.7.1996, p. 99).

⁽²⁾ ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 5. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 818/96 (ĠU L 111, ta' l-4.5.1996, p. 1).

2) Artikolu 7 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 7

1. (a) Il-bajd tal-klassi A għandu jiġi ttrimbrat b'kodiċi li jindikaw n-numru li bih jingħaraf min huwa l-produttur u li jippermetti li jiġi identifikat il-metodu tat-trobbija.
 - (b) Il-Kummissjoni għandha tistma l-metodi ta' l-ittikkettjar fis-seħħ fil-pajjiżi terzi. Jekk issib li l-proċeduri applikati joffru garanziji biżżejjed dwar l-ekwivalenza mar-regoli tekniċi u l-istandards applikabbli fil-Komunità, il-bajd li jiġi importat minn dawn il-pajjiżi jista' jingħata kodiċi li bih ikun jista' jingħaraf, kif hemm msemmi f(a). Madankollu, jekk dak ma jkunx il-każ, il-bajd importat jingħata kodiċi li bih ikun jista' jingħaraf sabiex tiġi identifikata n-natura mhux speċifikata tal-metodu tat-trobbija u l-pajjiż ta' l-oriġini.
 - (c) Il-Kummissjoni tista', jekk ikun hemm il-ħtieġa, tinnegozja ma' daww il-pajjiżi biex tasal għal metodi xierqa biex jiġu offruti garanziji ta' konformità ma' l-istandards ta' l-ittikkettjar ekwivalenti għall-proċeduri tal-Komunità.
 - (d) L-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet għandu jiġi rregolat b'konkordazzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita f' Artikolu 20.
2. Tista' tiġi stampata marka waħda ta' distinzjoni jew aktar li jidheru hawn taħt fuq bajd ta' klassi A:
 - (a) id-data minima ta' durabilità (id-data ta' 'għandu jiġi kkunsmat qabel');
 - (b) data supplementari waħda jew aktar immirata biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali lill-konsumatur;
 - (c) klassifikar skond il-kwalità;
 - (d) klassifikar skond il-piż;
 - (e) in-numru taċ-ċentru ta' l-ippakkjar;
 - (f) l-isem jew l-isem tan-negozju taċ-ċentru ta' l-ippakkjar;
 - (g) l-isem tan-negozju jew l-isem tad-ditta (it-*trademark*).
 - (h) indikazzjoni ta' l-oriġini tal-bajd.

L-indikazzjonijiet li għalihom hemm provdut f(f) u f(g) għandhom jintużaw biss skond il-kondizzjonijiet rilevanti li hemm stabbiliti fit-tieni klawsole tas-sentenza li tikkostitwixxi Artikolu 10(1)(a).

L-indikazzjonijiet li għalihom hemm provdut f(b) u f(h) għandhom jintużaw biss skond il-kondizzjonijiet rilevanti li hemm stabbiliti f' Artikolu 10(3).

Il-bajd tal-Klassi A jista' jkollu dettalji li juri l-metodu ta' tmiegħ tat-tiġieġ bajjada. Dawn id-dettalji għandhom jintużaw biss skond il-kondizzjonijiet rilevanti li hemm stabbiliti f' Artikolu 10(3).";

3) Artikolu 8 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. Bajd tal-Klassi B, għajr bajd imxaqqaq, għandu jkollu marka ta' distinzjoni li turi l-ikklassifikar tiegħu skond il-kwalità. Jista' jkollu wkoll waħda jew aktar mill-indikazzjonijiet elenkati f' Artikolu 7.

2. Bajd tal-Klassi A li ma jkollux aktar il-karatteristiċi ta' dak il-grad għandhom jiġu żgradata għall-klassi B.

F'każ bħal dan, għandu jkollhom fuqhom marka li tiddistingwihom skond il-paragrafu 1. Kull marka li setgħet ġiet użata bi qbil ma' Artikolu 7 jew mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, tista' tinżamm, għajr daww il-marki li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikklassifikar skond il-piż, li għandhom jiġu emendati skond il-ħtieġa.

3. Madankollu, permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, bajd tal-klassi A li ma jkollux aktar il-karatteristiċi ta' dik il-klassi jistgħu jiġu mgħoddija direttament lill-intrapriżi kummerċjali fl-industrija ta' l-ikel approvati bi qbil mad-Direttiva 89/437/KEE jew ma' l-industrija mhux ta' l-ikel, mingħajr il-marki li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2, bil-kondizzjoni li l-pakketti tagħhom ikunu dejjem immarkati b'mod ċar biex juru din id-destinazzjoni.";

4) Artikolu 10 huwa b'dan il-mezz emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, il-punti (e) u (f) għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

"(e) id-data minima ta' durabilità (id-data ta' 'għandu jiġi kkunsmat qabel') segwita b'rakkomandazzjonijiet xierqa dwar il-ħżin fil-każ ta' bajd tal-klassi A, u d-data ta' l-ippakkjar fil-każ ta' bajd tal-klassi B;

(f) dettalji dwar it-tkessiħ jew dwar il-metodu ta' preservazzjoni, f'forma mhux kodifikata, fil-każ ta' bajd tal-klassi B;

(g) il-metodu tat-trobbija fil-każ ta' bajd tal-klassi A. Dawn id-dettalji għandhom jintużaw bi qbil mar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita f' Artikolu 20.";

- (b) il-punt li ġej għandu jiġi miżjud mal-paragrafu 2:

"(f) indikazzjoni tal-metodu ta' tmiegħ tat-tiġieġ tal-bajd.";

- (c) il-paragrafu 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Aktar dati u indikazzjonijiet li jikkonċernaw il-metodu tat-trobbija, l-oriġini tal-bajd u l-metodu ta' tmiegħ tat-tiġieġ bajjada jistgħu jintużaw biss bi qbil mar-regoli li għad iridu jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita f' Artikolu 20. B'mod partikolari, dawn ir-regoli għandhom ikopru l-kriterji dwar il-metodu tat-trobbija, l-oriġini tal-bajd u l-metodu ta' tmiegħ tat-tiġieġ bajjada.

Madankollu, jekk l-użu ta' l-indikazzjonijiet li juru l-oriġini tal-bajd u l-metodu tat-trobbija jirriżultaw li huma ta' ħsara għall-fluwidità tas-suq tal-Komunità, jew ikun hemm xi diffikultajiet serji fir-rigward tal-kontroll ta' l-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet u l-effiċjenza tagħhom, il-Kummissjoni, filwaqt illi tagħxi taħt l-istess proċedura, tista' tissospendi l-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet.

Minkejja dan, fejn pakketti kbar ikun fihom pakketti oħra żgħar jew bajd immarkat b'xi referenza għall-oriġini tal-bajd, dawn id-dettalji għandhom jintwerew ukoll fuq il-pakketti l-kbar.";

- 5) F' Artikolu 15(b), għandu jiġi miżjud is-subpunt li ġej:
“(gg) il-metodu tat-trobbija għall-bajd tal-klassi A li hemm referenza għalih f'Artikolu 10(1)(g), jew l-indikazzjoni li ġejja: ‘il-metodu tat-trobbija mhuwiex speċifikat.’”;
- 6) il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' Artikolu 20:
“4. Skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75, il-Kummissjoni għandha tadotta:
(a) il-miżuri meħtieġa biex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni għall-arranġamenti stabbiliti permezz tat-tieni inċiż, ta' Artikolu 6(1), b'Artikoli 7 u 8, b'Artikolu 10 (1), (e), (f) u (g), b'Artikolu 10(2)(f), b'Artikolu 10(3) u b'Artikolu 15(b), (gg);
(b) miżuri li huma kemm b'zonnjużi kif ukoll ġustifikati kif dovut biex isolvu l'każ ta' emerġenza, problemi prattiċi, speċifiċi u mhux previsti”;

- 7) dan li ġej għandu jiddaħħal bħala Artikolu 22a:

“Artikolu 22a

Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2003 rapport dwar l-iżviluppi dwar il-konsum tal-bajd, ix-xewqat tal-konsumaturi u ta' l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, kif ukoll l-argument ta' l-immarkar u l-kontroll tal-bajd, flimkien ma' proposti addattati.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Madankollu, l-aħħar paragrafu ta' Artikolu l-ġdid 7(2) li għalih hemm provdut f'Artikolu 1, punt 2, f'Artikolu 1, punt 4(b) u 7 (ċ) u f'Artikolu 1, punti 6 u 7, għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2001.

Dan ir-Regolament għandu japplika fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GLAVANY